# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru 115**

**Citaz. numru: 361/98 NA**

**John Cassar**

**vs**

**Carmel sive Charles Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Dan ir-rikors huwa korrettement maghmul a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi:

"*Wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar illi fih skond il-ligi t-titolu ezekuttiv imsemmi fl-Artikolu 253 seta` gie esegwit, l-ezekuzzjoni tista` ssir biss wara talba maghmulha b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrenti ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta*

*tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.*"

It-talba odjerna hija kkonfermata bil-gurament u s-sentenza li ghaliha hemm riferenza hija dik tal-Prim'Awla Civili tat-22 ta' Frar, 1993 li kopja taghha tinstab esebita minn fol. 2 sa 4 tal-process.

Fin-nota responsiva tieghu tal-15 ta' Marzu 1999 l-intimat stqarr bil-gurament li l-ammont dovut ma kienx dovut, "*stante pagamenti sostanzjali li huwa ghamel kif kien miftiehem*".

Fis-seduta tal-14 ta' Settembru 1999 gie dikjarat mid-difensur tar-rikorrenti "*Dr. J. Zammit McKeon assigura lill-Qorti li kien jaf personalment li f'din il-kawza ma kienu qed isiru ebda pagament kif sostna l-intimat u dawna kienu qed isiru biss fil-kawza numru Cit. 363/98M1, numru 7 fuq il-lista tal-lum.*"

Jinghad minn issa li din il-kawza hija intimament konnessa mal-kawzi Citazzjoni Numri 362/98 u 363/98 li jinstabu fuq il-lista tallum fejn l-intimat huwa l-istess Carmel sive Charles Azzopardi u fejn il-meritu huwa wkoll identiku u cioe' talba

ghall-esekuzzjoni ta' krediti dovuti a bazi ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti.

Jidher ukoll illi fit-tlett kawzi l-intimat kien qed jaghmel pagamenti pjuttost regolari lill-Marixxal Albert Scicluna li xehed fil-kawza Citazzjoni Numru 363/98 fis-seduta tal-15 ta' Novembru 1999 f'liema seduta, anke f'din il-kawza, "*Gie miftiehem illi kellhom isiru xi konteggi bejn il-partijiet biex dawn il-kawzi jigu rizolti.*"

Jirrizulta illi kien necessarju li jsir dan il-verbal ghax mix-xhieda moghtija mill-istess Marixxal jirrizulta illi l-pagamenti li kienu sarulu ghan-nom tar-rikorrent Edgar Cassar fil-kawza Citazzjoni Numru 363/98 eccedew l-ammont li kien dovut skond Mandat ta' Qbid Ezekuttiv (Numru 2322/93) li nhareg f'dawk l-atti ghall-ammont komplessiv ta' Lm3559.68,2 apparti mill-ispejjez tal-Mandat - ammont totali ta' Lm3565.34,8. L-ammont effettivament li ngabar mill-istess Marixxal kien ta' Lm5060 sad-data li fiha xehed. Fis-seduta, invece, tal-14 ta' Settembru 1999 xehdet Gemma Debono, Registratur tal-Qorti, li ddikjarat illi f'din il-kawza l-Mandat li kien gie pprezentat fil-15 ta' April 1993 ma giex prorogat u ghalhekk ma kienx ghadu fis-sehh.

Wara diversi differimenti li ntalbu biex isiru l-konteggi b'nota tat-2 ta' Jannar 2001 ir-rikorrenti ddikjara illi mill-ammont mitlub f'dan ir-rikors l-intimat kien hallas biss l-ammont ta' Lm448.84,4. Din in-nota trid tinqara flimkien ma' nota ohra spjegattiva li saret mill-istess rikorrenti bl-istess data fil-kawza Citazzjoni Numru 363/98. Dawn in-noti gew notifikati lid-difensur ta' l-intimat fit-3 ta' Jannar 2001 kif gew lilu komunikati l-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti tas-16 ta' Jannar u 13 ta' Marzu 2001 fejn anke giet moghtija lilu l-possibbilita' biex jaghmel nota responsiva li pero' baqghet ma saritx u peress illi dawn ir-rikorsi gew differiti ghas-sentenza in difett ta' ostakolu l-Qorti ma tara illi hemm ebda ostakolu biex is-sentenza tinghata llum.

Jinghad ukoll pero' illi n-noti maghmulin mill-istess rikorrenti jirrizultaw kredibbli u verosimili stante illi minkejja illi l-ammont illi jirrizulta illi thallas zejjed lill-Marixxal Scicluna skond ix-xhieda tieghu stess fil-kawza Citazzjoni Numru 363/98 kien ta' Lm1494.65,2 u mhux ta' Lm897.68,8 f'kull sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni f'dawn il-proceduri l-konvenut gie wkoll ikkundannat ihallas "*l-imghax legali dekorribbli millum.*"

Finalment il-Qorti tosserva illi minkejja illi f'kull kawza l-attur/rikorrenti huwa differenti l-meritu huwa identiku kif huwa l-istess konvenut/intimat li qatt ma oggezzjona li dawn it-tlett kawzi jinstemghu flimkien u li, in ogni caso, fl-ahhar mill-ahhar dan jista' jkun biss ta' beneficcju ghall-istess konvenut/intimat.

Ghaldaqstant din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici f'din il-kawza limitatament ghas-somma ta' elf disa' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezimu u sitt millezimi (Lm1955.15,6) [Lm2400 - Lm448.84,4] oltre l-ispejjez tal-kawza Citazzjoni Numru 994/91 AD deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar 1993 u oltre l-imghax legali minn dik id-data u tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza kif mitlub.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu kwart (1/4) mir-rikorrenti u tlett kwarti (3/4) mill-intimat.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.